

32005R0463

23.3.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 77/1

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 463/2005****tas-16 ta' Marzu 2005**

**li jtemm ir-reviżjoni interim parzjali tal-miżuri *anti-dumping* applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti *fittings* ta' tubi jew pajpijiet, tal-ħadid jew ta' l-azzar, li joriġinaw, *inter alia*, mit-Tajlandja**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (“ir-Regolament bażiku”)<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

---

<sup>1</sup> ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolment (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

Billi:

## A. PROCĊEDURA

### 1. Il-proċedura preċedenti u miżuri eżistenti

- (1) Il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 584/96<sup>1</sup>, impona dazju *anti-dumping* fuq importazzjonijiet ta' ċerti *fittings* ta' tubi jew pajpijiet, tal-ħadid jew ta' l-azzar, li joriġinaw, *inter alia*, mit-Tajlandja. Wara reviżjoni interim, il-miżuri li japplikaw għall-importazzjonijiet minn Thai Benkan Co. Ltd, produttur esportatur Tajlandiż, ġew revokati f'Lulju 2000 bir-Regolament tal-Kunsill (KE) 1592/2000<sup>2</sup>. Sussegwentement, wara skadenza u reviżjoni interim, il-miżuri fis-seħħ fir-rigward tal-bqija tal-produtturi esportaturi Tajlandiżi nżammu bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 964/2003<sup>3</sup> u ġew emendati bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1496/2004<sup>4</sup>.

### 2. Talba għal reviżjoni

- (2) Saret talba għal reviżjoni interim parzjali limitata għad-*dumping* fir-rigward ta' Thai Benkan Co. Ltd mill-Kumitat tad-Difiża ta' *Steel Butt-Welding Fittings Industry* ta' l-Unjoni Ewropea fisem erba' produtturi Komunitarji ("ir-rikorrent"). Dawn il-kumpanniji jirrappreżentaw proporzjon maġġuri tal-produzzjoni Komunitarja tal-prodott konċernat ("ir-rikorrent").
- (3) Ir-rikorrent allega żieda ta' *dumping* fuq il-bażi ta' paragun tal-prezzijiet domestiċi ta' Thai Benkan Co. Ltd mal-prezzijiet ta' esportazzjoni tiegħu ta' ċerti *fittings* ta' tubi jew pajpijiet, tal-ħadid jew ta' l-azzar, lejn il-Komunità. Fuq din il-bażi, il-marġni ta' *dumping* kalkolat ikun notevolment oġhla minn dak misjub fl-investigazzjoni preċedenti li wasslet għar-revoka tal-miżuri fir-rigward ta' importazzjonijiet minn Thai Benkan Co. Ltd.

---

<sup>1</sup> ĠU L 84, 3.4.1996, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 182, 21.7.2000, p. 1.

<sup>3</sup> ĠU L 139, 6.6.2003, p. 1.

<sup>4</sup> ĠU L 275, 25.8.2004, p. 1.

### 3. Investigazzjoni

- (4) Wara li ddeterminat li t-talba inkludiet evidenza *prima facie* suffiċjenti, il-Kummissjoni bdiet, permezz ta' l-avviż tal-21 ta' April 2004<sup>1</sup>, reviżjoni interim parzjali ta' *dumping* safejn kienet konċernata Thai Benkan Co. Ltd, skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku.
- (5) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lir-rikorrent u lill-produttur esportatur konċernat, lill-industrija Komunitarja kif ukoll lill-awtoritajiet tat-Tajlandja bil-bidu tal-proċedimenti. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-fehmiet tagħom bil-miktub u li jitolbu seduta ta' smiġh fil-limitu ta' żmien stabbilit fin-notifika ta' ftuħ ta' proċeduri.
- (6) Sabiex takkwista l-informazzjoni meqjusa meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni baġtet kwestjonarju lil Thai Benkan Co. Ltd. Il-kumpannija ġiet informata li n-nuqqas ta' koperazzjoni seta' jwassal għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Hi ġiet informata wkoll bill-konsegwenzi ta' nuqqas ta' koperazzjoni.
- (7) Ġiet riċevuta tweġiba għall-kwestjonarju fl-iskadenzi preskritti. Il-Kummissjoni għamlet żjara ta' verifika fuq il-post tal-kumpannija.
- (8) Ir-rikorrent ressaq il-fehmiet tiegħu bil-miktub u ngħata seduta ta' smiġh.
- (9) Il-perijodu ta' investigazzjoni (il-"PI") kopra l-perijodu mill-1 ta' April 2003 sal- 31 ta' Marzu 2004.

---

<sup>1</sup> ĠU C 96, 21.4.2004, p. 38.

**B. IL-PRODOTT KONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

- (10) Il-prodott konċernat hu, kif definit fl-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri eżistenti, ċerti *fittings* ta' tubi jew pajpijiet (minbarra l-*fittings* fonduti, flanġijiet u *fittings* bil-kamin), tal-ħadid jew ta' l-azzar (mhux inkluż *stainless steel*), bl-akbar dijametru estern ta' mhux aktar minn 609.6 mm, ta' tip użat għas-saldatura minn tarf sa tarf jew għal finijiet oħrajn, li joriġinaw mit-Tajlandja (il-"prodott konċernat"), normalment dikjarat fil-kodiċijiet NM ex 7307 93 11, ex 7307 93 19, ex 7307 99 30 u ex 7307 99 90.
- (11) L-investigazzjoni wriet li l-prodott konċernat esportat lill-Komunità mit-Tajlandja u l-*fittings* ta' tubi jew pajpijiet, tal-ħadid jew ta' l-azzar, prodotti u mibjugħin domestikament fit-Tajlandja għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi u l-istess użu. Għalhekk dawn għandhom jitqiesu bħala prodotti simili fis-sens ta' l- Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

**Ċ. DUMPING****1. Valur normali**

- (12) Skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, l-ewwel ġie eżaminat jekk il-bejgħ domestiku tal-kumpannija tal-prodott simili kienx rappreżentattiv, jiġifieri jekk il-volum totali ta' tali bejgħ kienx jirrappreżenta ta' l-anqas 5% tal-volum tal-bejgħ ta' esportazzjoni totali tal-produttur lill-Komunità. L-investigazzjoni wriet li l-bejgħ domestiku kien rappreżentattiv.
- (13) Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur normali, il-bejgħ fis-suq domestiku lil kumpannija relatata ma' Thai Benkan Co. Ltd ma ġiex kunsidrat, skond l-Artikolu 2(1) tar-Regolament bażiku.

- (14) Sussegwentement, ġew identifikati dawk it-tipi tal-prodott simili mibjugħin mill-kumpannija lil xerrejja domestiċi indipendenti li kienu identiċi jew direttament komparabbli mat-tipi mibjugħin għall-esportazzjoni lill-Komunità.
- (15) Għal kull tip mibjugħ mill-produttur esportatur fis-suq domestiku u li nstab direttament komparabbli mat-tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lill-Komunità, ġie stabbilit jekk il-bejgħ domestiku lil xerrejja indipendenti kienx rappreżentattiv biżżejjed għall-finijiet ta' l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip partikolari tal-prodott simili ġie kunsidrat bħala rappreżentattiv biżżejjed meta l-volum tal-bejgħ domestiku totali ta' dak it-tip matul il-PI kien jirrappreżenta 5% jew aktar tal-volum tal-bejgħ totali tat-tip komparabbli tal-prodott konċernat esportat lill-Komunità. Il-bejgħ domestiku nstab li huwa rappreżentattiv għall-maġġoranza tat-tipi ta' prodotti.
- (16) Sussegwentement ġie eżaminat jekk dawn it-tipi ta' prodotti identifikati fil-premessa (14) hawn fuq setgħux jiġu kkunsidrati bħala mibjugħin fl-andament normali tal-kummerċ billi jiġi stabbilit il-proporzjon ta' bejgħ bi profitt tat-tip ta' prodott in kwistjoni. Fejn il-volum tal-bejgħ ta' tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett ugwali għal jew iżjed mill-ispiża kkalkolata tal-produzzjoni, kien jirrappreżenta aktar minn 80% tal-volum tal-bejgħ totali ta' dak it-tip, u fejn il-prezz medju mwieżen ta' dak it-tip kien ugwali għal jew oġhla mill-ispiża tal-produzzjoni, il-valur normali ġie bbażat fuq il-prezz domestiku reali, kalkolat bħala medja mwieżna tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip magħmul matul il-PI, irrispettivament minn jekk dan il-bejgħ kien jew ma kienx profitabbli. Fejn il-volum tal-bejgħ bi profitt tat-tip ta' prodott kien jirrappreżenta 80% jew anqas mill-volum tal-bejgħ totali ta' dak it-tip, jew fejn il-prezz medju mwieżen ta' dak it-tip kien anqas mill-ispiża tal-produzzjoni, il-valur normali ġie bbażat guq il-prezz domestiku reali, kalkolat bħala medja mwieżna tal-bejgħ bi profitt ta' dak it-tip biss, sakemm dak il-bejgħ kien jirrappreżenta 10% jew aktar tal-volum tal-bejgħ totali ta' dak it-tip. Għall-biċċa l-kbira tat-tipi ta' prodotti, kien possibbli li jintużaw il-prezzijiet domestiċi sabiex jiġi determinat il-valur normali.

- (17) F'każijiet fejn ma kienx hemm bejgħ domestiku ta' tip komparabbli lil xerrejja indipendenti, jew fejn il-volum tal-bejgħ bi profitt kien jirrappreżenta anqas minn 10% tal-volum tal-bejgħ totali ta' dak it-tip, ġie kunsidrat li dan it-tip partikolari kien inbiegħ fi kwantitajiet insuffiċjenti sabiex il-prezz domestiku jipprovdi bażi adatta għall-istabbiliment tal-valur normali. F'dan ir-rigward, intuża l-valur normali kostruwit, skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku.
- (18) Skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku, il-valur normali ġie kostruwit abbażi ta' l-ispiża tal-manifattura tal-produttur esportatur stess flimkien ma' ammont raġonevoli għall-infiq ġenerali, amministrattiv u relatat mal-bejgħ ("SG&A") u għall-profitt. Fid-dawl tar-rappreżentattività tal-bejgħ domestiku tal-prodott simili, dan il-kalkolu ġie bbażat fuq l-ispejjeż SG&A tal-kumpannija stess. Għall-marġni ta' profitt, konformement ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku, intużaw il-profitti mill-bejgħ tal-prodott simili fl-andament normali tal-kummerċ.
- (19) Għal xi wħud mill-kategoriji ta' l-ispejjeż SG&A, il-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi li l-allokazzjoni ta' l-ispiża dikjarata fit-tweġiba tal-kwestjonarju kienet tirrifletti b'mod raġonevoli l-ispejjeż assoċjati mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott konċernat. Il-kumpannija ngħatat l-opportunità li tikkumenta matul din iż-żjara ta' verifika, iżda ma setgħetx tispjega l-inkonsistenzi. Għalhekk, u skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, l-allokazzjoni ta' dawk l-ispejjeż saret fuq il-baży tal-fatturat meta ġiet determinata l-ispiża tal-manifattura.

## 2. **Prezz ta' esportazzjoni**

- (20) Il-prezzijiet ta' esportazzjoni ġew stabbiliti abbażi tal-prezzijiet imħallsa jew pagabbli għall-prodott konċernat meta jinbiegħ għall-konsum fil-Komunità lill-ewwel klijent indipendenti skond l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

## 3. **Paragun**

- (21) Sabiex jiġi żgurat paragun ġust bejn il-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni fil-livell ta' *ex-works* u fl-istess livell ta' kummerċ, saru aġġustamenti għad-differenzi li ġew invokati u li ntwerew li affettwaw il-prezzijiet u l-komparabbiltà tal-prezzijiet skond l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. L-aġġustamenti saru fir-rigward ta' l-ispejjeż ta' trasport, ta' assigurazzjoni u maniġġar u ta' kreditu fejn dawn, kienu applikabbli u ġustifikati.

## 4. **Marġni ta' *dumping***

- (22) Skond l-Artikolu 2(11) u 2(12) tar-Regolament bażiku, il-marġni ta' *dumping* ġie stabbilit abbażi ta' paragun tal-valur normali medju mwieżen mal-prezzijiet ta' esportazzjoni medji mwieżna għal kull tip ta' prodott, kif determinat hawn fuq.
- (23) Il-marġni ta' *dumping* espress bħala perċentwali tal-prezz CIF fil-fruntiera Komunitarja, dazju mhux imħallas, instab li kien taħt il-limitu ta' 2% stabbilit fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament bażiku.

## D. MIŻURI

- (24) Fid-dawl tar-riżultat imsemmi hawn fuq, huwa kunsidrat li, skond l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, ir-reviżjoni attwali għandha tintemm u li għandu jinżamm id-dazju *anti-dumping* ta' 0%, impost bir-Regolament (KE) Nru 964/2003 u konfermat bir-Regolament (KE) Nru 1496/2004, fuq l-importazzjonijiet tal-prodott konċernat li huwa prodott u esportat lejn il-Komunità minn Thai Benkan Co. Ltd..

## E. KONKLUŻJONI

- (25) Il-partijiet interessati ġew informati bil-fatti essenzjali u l-konsiderazzjonijiet li abbażi tagħhom hu maħsub li tintemm il-proċedura u ngħataw l-opportunità li jikkummentaw u jinstemgħu. Ġew kunsidrati l-kummenti kollha li ġew riċevuti iżda l-ebda wieħed minnhom ma kien tali li jbidel il-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

Ir-reviżjoni interim parzjali tal-miżuri *anti-dumping* measures applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti *fittings* ta' tubi jew pajpijiet, tal-ħadid jew ta' l-azzar, li joriġinaw, *inter alia*, mit-Tajlandja, li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 7307 93 11, ex 7307 93 19, ex 7307 99 30 u ex 7307 99 90, sa fejn dawn il-miżuri jikkonċernaw l-esportatur Tajlandiż Thai Benkan Co. Ltd, hi b'dan mitmuma.



*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 16 ta' Marzu 2005.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

**J. ASSELBORN**

---